# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju, 2020**

**Numru 4**

**Rikors Numru 97/12TA**

**Rose Busuttil (ID No. 821751 M)**

**vs**

**(1) Tabib Ewlieni tal-Gvern**
**(2) Accountant General**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf tal-Attriċi Rose Busuttil tal-31 ta' Jannar 2012 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"1. Illi r-rikorrenti taħdem bħala *enrolled nurse* fl-ENT *outpatients* fl-Isptar Mater Dei.

2. Illi r-rikorrenti ilha taħdem maċ-ċivil mis-sena 1973.

3. Illi r-rikorrenti għalqet l-eta' tal-irtirar (60 sena) fit-23 t'Ottubru, 2011 iżda se tkompli taħdem għall-perjodu estiż ta' sena.

4. Illi r-rikorrenti ġiet mgħarrfa mill-intimat Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa illi hija mhijiex intitolata la għas-somma tal-irtirar u lanqas għall-pensjoni tat-Teżor minħabba illi, skond kif mgħarrfa mid-Dipartiment tal-*Employee Relations* fl-Auberge de Castille, kien hemm *break of service* ta' ħamest ijiem bejn it-23 u t-28 t'Awissu, 1992.

5. Illi r-rikorrenti ttenni illi hija qatt ma rriżenjat mix-xogħol u qatt ma ffirmat ebda formola jew dikjarazzjoni sabiex tirriżenja mix-xogħol fit-23 t'Awissu, 1992 iżda hija kienet sempliċiment qalbet minn bażi *full-time* għall-bażi *part-time.*

6. Illi dak iż-żmien ir-rikorrenti kienet taħdem fir-Residenza San Vincenz de Paule (SVPR) fuq bażi *full-time* b'sistema ta' *roster* 2 mornings, 2 evenings, 2 nights u double-off.

7. Illi sussegwentement ir-rikorrenti kienet marret taħdem fuq bażi *part-time* fl-Isptar San Luqa (VCC – Visiting Consulting Clinic) fejn il-kap kien talabha biex f'dik il-ġimgħa tidħol ix-xogħol fil-jiem tal-Ġimgħa u tas-Sibt u għalhekk il-jiem li fihom ir-rikorrenti ma ħadmitx kienu l-jiem tad-*double off* fl-SVPR u l-jiem li fihom il-kap tal-VCC ma kienx talabha tidħol għax-xogħol.

8. Illi dan ċertament li ma jammontax għal *break of service*.

9. Illi kieku verament kien hemm *break of service* fis-sena 1992 ir-rikorrenti kienet tkun intitolata għall-pensjoni in vista tal-fatt illi hija kienet ilha impjegata mac-civil mis-sena 1973 u kienet tkun intitolata li tieħu s-somma dak iż-żmien meta fir-realta' hija ma ħadet assolutament xejn.

10. Illi r-rikorrenti qatt ma rriżenjat mix-xogħol u oltre dan f'dawn is-snin kollha dejjem ħadmet ferm iżjed mill-minimu rikjest ta' 1040 siegħat fis-sena.

11. Illi għaldaqstant ir-rikorrenit hija intitolata kemm għas-somma tal-irtirar u kif ukoll għall-pensjoni tat-Teżor.

12. Illi r-rikorrenti ppreżentat Protest Ġudizzjarju kontra l-intimati odjerni li permezz ta' Kontro-Protest irribattew il-pretensjonijiet tagħha għaliex tennew illi hija kienet irriżenjat mis-servizz b'effett mit-23 t'Awissu, 1992 u ppreżentaw in sostenn tal-allegazzjoni tagħhom dokument intern datat 14 t'Awissu, 1992 illi ma jġibx il-firma tar-rikorrenti u li r-rikorrenti qatt ma kienet rat qabel u ma kellha assolutament ebda xjenza tiegħu.

13. Illi r-rikorrenti terġa' ttenni illi hija qatt ma rriżenjat mis-servizz u l-fatti ġraw preċiżament kif indikati minnha f'dan l-umli rikors ġuramentat.

14. Illi għalhekk qed issir din il-kawża.

Jgħidu għalhekk l-intimati, jew min minnhom, għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

(i) prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi r-rikorrenti hija intitolata li meta tirtira mix-xogħol tirċevi kemm is-somma u kif ukoll l-pensjoni tat-Teżor; u

(ii) tordna lill-intimati, jew min minnhom, sabiex meta r-rikorrenti tirtira mix-xogħol iħallsuha kemm is-somma u kif ukoll il-pensoni tat-Teżor.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati jew min minnhom minn issa nġunti għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Konvenut Tabib Ewlieni tal-Gvern, oriġinarjament presentata mid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa, tal-15 ta' Marzu 2020, li biha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

"1. Illi preliminarjament ir-rappreżentanza ġuridika tad-Dipartiment tas-Saħħa hija vestita f'idejn it-Tabib Ewlieni tal-Gvern u dan ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għal premess it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda kategorikament bl-ispejjeż u dana għar-raġunijiet segwenti:-

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għal premess jirriżulta illi r-rikorrenta bdiet is-servizz mal-Gvern bħala *State Enrolled Nurse*; fit-8 ta' Frar 1973. Jirriżulta illi hija rriżenjat fit-2 ta' Ottubru 1975.

4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għal premess jirriżulta wkoll illi fit-18 ta' April tal-1977 reġgħet bdiet taħdem fuq bażi *Part Time* sakemm reġgħet waqfet fit-22 ta' Awwissu 1992. Imbagħad fit-28 ta' Awwissu 1992 reġgħet bdiet taħdem fuq bażi *Part Time*.

5. Irid jingħad illi mid-dokument "RB1" jirriżulta illi effettivament ir-rikorrenta irriżenjat b'effett mit-23 ta' Awwissu 1992. Dan il-fatt huwa konfermat anke f' "DOK RB3", "DOK RB4" u "DOK RB5".

6. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għal premess "DOK RB5" illi jindika b'mod ċar il-*Break of Service*" huwa effettivament iffirmat mir-rikorrenta u dana kuntrarju għal dak allegat illi hija ma kellha ebda xjenza tal-fatt illi kien hemm dan il-"*Break in Service".*

7. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għal premess jirriżulta mill-provi prodotti illi kien hemm "*Break in Service*" u għalhekk id-deċiżjoni meħuda mill-Amministrazzjoni kienet ġusta u timmerita konferma."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Accountant General tal-24 ta' Lulju 2012, li biha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

"**(I)** Illi in linea preliminari, l-Accountant General jixtieq jikkjarifika li jirriżultalu li ġie notifikat bl-atti tal-kawża fl-ismijiet hawn fuq premessi fl-4 ta' Lulju 2012 (skond id-dokument hawn anness u immarkat bħala **DOK AC**) u mhux fit-8 ta' Mejju 2012 kif hemm indikat fil-verbal ta' l-10 ta' Mejju 2012. Għandu jiġi preċiżat ukoll li qabel il-korrezzjoni fl-okkju kien hemm indikat l-'Awditur Ġenerali'. Għalhekk, l-esponent jirrileva li mhuwiex kontumaċi kif indikat fil-verbal tat-12 ta' Ġunju 2012.

**(II)** Illi in linea preliminari ukoll, l-esponent mhux il-leġittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12 u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

**(III)** Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kif ser jirriżulta mit-trattazzjoni tal-każ odjern, jirriżulta li r-rikorrenti kellha *'break in service*' u għalhekk mhiex intitolata għall-pensjoni tas-Servizz.

**(IV)** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjeż."

Rat l-avviż tat-22 ta' Frar 2019 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imħallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li bis-saħħa tiegħu l-kawża odjerna ġiet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diġa` imħollija għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-Kawża u d-dokumenti esebiti;

Rat ix-xhieda prodotta fil-perkors tal-Kawża;

Rat u qrat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawża fis-seduta tal-14 ta’ Ottubru 2019;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**<u>Punti ta’ fatti</u>**

**1.** Fil-mument li għamlet il-Kawża, l-Attriċi kienet taħdem bħala enrolled nurse fl-*ENT outpatients* fl-isptar Mater Dei. Wara li għalqet l-eta’ pensjonabbli ta’ sittin sena, talbet estensjoni ta’ sena oħra. Id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa infurmaha li ma kienetx intitolata għall-pensjoni tat-Teżor, għaliex kellha *break of service* ta’ ħamest ijiem bejn it-23 u t-28 t’Awwissu 1992. L-Attriċi ssostni, li hi qatt ma rriżenjat mill-impieg tagħha. Kull ma għamlet kien, li mir-residenza ta' San Vincenz De Paule, marret Mater Dei u b'hekk qalbet minn *full-time* għal *part-time*. Għalhekk issostni, li hija ntitolata għas-somma tal-irtirar u kif ukoll għall-penzjoni tat-Teżor.

**2.** Il-Konvenuti Awtoritajiet minn naħa tagħhom jirribattu, li ġaladarba kien hemm dawk il-ħamest ijiem ta' bejn id-dati imsemmija ta’ sosta u waqfien fl-impieg, allura kien hemm *break of service*. Id-dokument li jindika dan huwa mmarkat bħala dok RB1 (ara a’ fol 15). Il-Konvenut Tabib Ewlieni tal-Gvern, għalhekk, qed jinvoka l-applikazzjoni kemm tar-regolament numru 6.1.4.4, intitolat *Interruption of pensionable service*, u kif ukoll l-artikolu 6 tal-Kap 93 tal-liġijiet ta’ Malta.

**<u>Punti ta' liġi</u>**

**3.** Il-vertenza legali li għandha quddiemha l-Qorti tirrigwarda l-punt dwar jekk l-Attriċi rriżenjatx mill-impieg tagħha fit-22 ta' Awwissu 1992 meta kienet taħdem ir-residenza San Vincenz De Paule bħala *nurse full-time*. Iż-żewġ Awtoritajiet Konvenuti, fil-mertu, jistrieħu fuq din id-difiża. It-Tabib Ewlieni tal-Gvern fit-tielet eċċezzjoni tiegħu u l-Accountant General fit-tielet eċċezzjoni jinsistu li la darba kien hemm *break of service* (a' fol 12 u 94), l-Attriċi kienet fil-fatt irriżenjat. Dan ifisser li meta l-Attriċi tirtira biż-żmien, la hi intitolata għas-somma u l-anqas għall-penzjoni tat-Teżor.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**4.** Qabel xejn ikun utli li jsiru żewġ osservazzjonijiet sabiex il-prinċipji nvoluti f'din il-Kawża, jitqegħdu fuq il-binarji legali korretti, kemm minn aspett proċedurali u kif ukoll dak sostanzjali.

**5.** L-ewwel osservazzjoni tirrigwarda t-terminoloġija wżata. Ai fini ta' konsiderazzjonijiet legali l-ewwel ma jrid jiġi stabbilit hemmx distinzjoni bejn riżenja u l-kwistjoni ta' *break of service*. Kif taraha din il-Qorti, tal-aħħar hija biss effett tal-ewwel. Ma jistax ikun li ma jkollokx riżenja u fl-istess ħin jkun hemm *break of service*. Jista' għall-grazzja tal-argument ikollok sitwazzjonijiet fejn persuna tkun assenti minn fuq ix-xogħol għal

raġuni tajba bħal meta tieħu *sick leave* fit-tul jew *study leave*, iżda din ix-xorta ta' assenza minn fuq ix-xogħol ma tammontax għal *break in service*.

**6.** It-tieni osservazzjoni tirrigwarda l-piż tal-prova tenut kont tal-vertenza legali li għandha quddiemha din il-Qorti. Għalkemm ma kienx hemm inversjoni tal-provi, il-prova tar-riżenja u *break of service*, fiċ-ċirkostanzi għandha ssir mill-Konvenuti. L-artiklu 562 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta huwa li jiggwida lil din il-Qorti minn dan l-aspett ta' proċedura.

**7.** Il-prinċipju ta' *ei qui allegat onus probandi incumbit* kemm-il darba kien spjegat mill-Qrati tagħna fosthom fis-**Sentenza tal-Prim Awla tal-25 ta' April 2002 fl-ismijiet Maria Stella Borg -vs- Joseph Cassar pro et**. Aktar minn hekk, il-Qorti trid tfakkar ukoll, li sa fejn jirrigwarda l-grad ta' provi fil-kamp ċivili, huwa ribadit **fis-Sentenza Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino, C.B.E. noe** (**App.Kumm. 25 ta' Frar 1952, Vol.XXXVI.i.319**):

*"Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hi bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet".*

**<u>Il-Mertu</u>**

**8.** Il-Qorti tistqarr, li ħasbet fit-tul dwar il-kwistjoni li għandha quddiemha sabiex tiskopri liema huma l-elementi ġuridiċi applikabbli

għall-mertu ta' din il-Kawża. Dan qiegħed jingħad b'mod partikulari dwar x'jikkostitwixxi riżenja. Jekk ma hemmx riżenja, jiġġarraf il-pedament li fuqu bnew id-difiża tal-Konvenuti. Il-Qorti għalhekk, għarblet sewwa l-provi kollha li ressqu l-partijiet biex setgħet tasal għall-konklużjoni tagħha kif spjegat aktar 'l quddiem.

**9.** Il-partijiet ressqu argumenti kemm kontra u favur dwar il-kwistjoni ta' riżenja.

**10.** Il-Konvenut Tabib Ewlieni jistrieħ prinċipalment fuq dawn iċ-ċirkostanzi biex isostni r-riżenja tal-Attriċi mill-impieg u *breakage of service*:

Li l-Attriċi rriżenjat fit-2 ta' Ottubru 1975.

Li wara li reġgħet ġiet ingaġġata fit-18 ta' April 1977 bħala part-time nurse, waqfet fit-22 ta' Awwissu 1992 u reġgħet bdiet taħdem fit-28 ta' Awwissu tal-istess sena.

Li b'effett mit-23 ta' Awwissu 1992 irriżenjat (ara a' fol 15 dok RB1).

Li meta l-Attriċi ffirmat fuq id-dokument datat 15 ta' Ottubru 2008 hija kienet qed tirrikonoxxi li fil-fatt kien hemm *break of service*. Dan l-argument huwa ukoll amplifikat fil-paragrafu 7 u 8 tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-Konvenut Tabib Ewlieni tal-Gvern. (ara fol 19 u 93).

**11.** Minn naħa tiegħu l-Konvenut l-ieħor, apparti li jgħid li mhux il-leġittimu kontradittur, eċċezzjoni li l-Qorti ser tipprovdi dwarha aktar 'l quddiem f'din is-Sentenza, bejn wieħed u ieħor, fil-mertu jsostni dak li jargumenta l-Konvenut Tabib Ewlieni tal Gvern kif ingħad aktar 'l fuq.

**12.** L-argumenti legali tal-Attriċi huma senjalati, kemm fin-nota ta' osservazzjoniiet tagħha u anke fir-rikors ġuramentat. Li trid tara din il-Qorti huwa, jekk dak li ssostni hi hux suffragat mill-provi anke fid-dawl tal-eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenuti.

**13.** L-Attriċi tinsisti li qatt ma ffirmat dokumenti li bihom tat ir-riżenja tagħha. Mill-provi jemerġi, li l-Konvenut Tabib Ewlieni tal-Gvern kien il-prinċipal tagħha, kemm meta kienet taħdem fir-residenza ta' San Vincenz De Paule u kif fl-isptar Ġenerali, u dan kemm meta kien St. Luke's u kif ukoll meta sar it-traslokat għal Mater Dei. Il-Qorti ħadet nota ukoll tal-fatt li t-Tabib Ewlieni tal-Gvern ma hux jiċħad li huwa l-leġittimu kontradittur, la fit-tweġiba ġuramentata tiegħu u lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet.

**14.** Il-Qorti eżaminat id-dokument datat 14 ta' Awwissu 1992 (a' fol 15). Minn dan id-dokument jirrisulta, li d-dikjarazzjoni f'dak id-dokument ma saritx mill-Attriċi iżda mid-Dipartiment. Di fatti, x-xhud Alex Seracino, rappresentant tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali, jaċċetta dan. Anzi, jgħid aktar minn hekk. Meta mistoqsi jekk kellux xi ittra ta' riżenja mill-Attriċi wieġeb testwalment hekk: *"Fid-*

*dokument tagħna, fil-personal file tagħha, li għandna aħna m'hemm xejn".* Spjega ukoll kif dan id-dokument jimtela' mid-Dipartiment u ma jafx minn fejn jiġi t-tagħrif (ara a' fol 40 u 41 tax-xhieda). Li qatt ma kien hemm xi firma tal-Attriċi fejn jingħad li qed tirriżenja, jikkonfermah ukoll Andrew Xuereb fix-xhieda tiegħu (a' fol 53 u 54).

**15.** Fis-seduta tat-12 ta' Diċembru 2012 xehed l-imsemmi Andrew Xuereb, Direttur tar-Riżorsi Umani fl-isptar Mater Dei, fejn fost oħrajn esebixxa d-dokument li jindika kemm tħallsu kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Nazzjonali da parti tal-Attriċi (ara a' fol 60). Fejn fi snin oħra, kien hemm xi uħud minnhom li kienu anqas fil-ħlas ta' kontribuzzjonijiet, għas-sena mertu ta' dawn il-proċeduri, jiġifieri l-1992, tħallsu 52 kontribuzzjoni, dan ifisser il-massimu tal-ħlas skont il-liġi għal dik is-sena.

**16.** Dawn il-kontribuzzjonijiet jitħallsu parti mill-impjegat, u parti mill-prinċipal. Aktar minn hekk, huwa l-prinċipal li jiġbor il-ħlas direttament mis-salarju tal-impjegat u dan kif jipprovdi l-artiklu 8 tal-Kap 318 tal-liġijiet ta' Malta. Fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2013, George Cremona, Principal Officer, rappresentant tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta' Soċjali jispjega li "*Kull kontribuzzjoni tas-sigurta' soċjali u li titħallas f'isem l-impjegata bħala eżattament titħallas jew qabel fi żminijiet ftit aktar min-naħa tal-employer u d-Direttur Ġenerali tat-Taxxi Interni jieħu pagament mingħand l-employer taż-żewġ partijiet"* (ara a' fol 77).

**17.** Il-Konvenuti jsostnu, li r-riżenja tal-Attriċi tista' ukoll tiġi deżunta mid-dokument Dok RB 5 li huwa l-uniku wieħed prodott bħala prova, bil-firma tal-Attriċi (a' fol 19 ). Jargumentaw, li l-jiem li għaddew bejn meta kienet r-Residenza ta' San Vincenz De Paule, għal meta marret Mater Dei u ċioe' bejn it-22 ta' Awwissu 1992 u 28 ta' Awwissu 1992, jirriflettu l-esistenza tar-riżenja da parti tal-Attriċi f'dan id-dokument u konsegwenzjalment *breakage of service*.

**18.** Sa fejn jirrigwarda dan id-dokument, iddatat 15 ta' Ottubru 2008, il-Qorti tosserva, li fih hemm ukoll indikat il-perjodu bejn il-21 ta' Mejju 2004 sal-31 ta' Diċembru 2007. Il-21 ta' Mejju hija d-data meta l-Attriċi inħatret *Enrolled nurse* (ara ittra datata 4 ta' Ġunju 2004 a' fol 16). B'referenza għad-dokument tal-15 ta' Ottubru 2008 Andrew Xuereb, ix-xhud fuq indikat, joqgħod ħafna attent għal dak li għid li *"Dan huwa l-uniku dokument li hemm iffirmat li b'xi mod jista' jagħmel referenza li kien hemm dan **il-"gap"** fil-perjodu."* (Emfażi tal-Qorti; Ara a' fol 54). F'ebda ħin ma jsemmi riżenja. B'dana kollu l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali ma jirriflettix dan *"il-gap"*. Ma kien hemm ebda interruzzjoni fil-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' nazzjonali.

**19.** Huwa rilevanti ukoll li jkun ikkunsidrat, li skont ix-xhud Andrew Xuereb, meta sar il-*bridging exercise*, li huwa proċess li permezz tiegħu infermiera li jkunu ri-ingaġġati jew reinstated fis-servizz li jkunu taw qabel dan, ikun jista' jingħadd biex persuna ma terġax tibda mill-iskala bażika

tas-servizz. Għalkemm ix-xhud jagħmel referenza għad-dokument a' fol 19, dan jidher ukoll li kien l-import tal-ittra tal-11 ta' Frar 1997 (a' fol 17). Fil-fehma ta' din il-Qorti dan id-dokument jsaħħaħ u mhux idgħajjef il-posizzjoni tal-Attriċi f'din il-Kawża.

**20.** Mix-xhieda prodotta jidher, li d-Dipartiment ma għandux id-dokumenti relattivi kollha li jirrigwardaw lill-Attriċi fuq il-kwistjoni li għandha quddiemha. Dan jikkonfermah Andrew Xuereb fejn jispjega li records dwar l-Attriċi qabel Awwissu 1992 ma hemmx (a' fol 51). Mid-dokument CBA, li hija l-istorja ta' impieg tal-Attriċi maħruġ mill-ETC, fit-22 ta' Awwissu 1992 *termination reason* indikata bħala *unknown* u l-istess raġuni tingħata għall-ingaġġament tagħha fit-28 ta' Awwissu 1992, **dejjem mal-istess prinċipal** (a' fol 61). Il-Qorti issibha stramba ukoll kif fil-formula A, liema formula hija maħsuba li tintuża minn prinċipal li jkun ser jimpjega, il-firma tal-Attriċi ma tidhirx minkejja li hemm spazju għall-firma tal-impjegat.

**21.** Si tratta ta' riżenja, u bħar-rinunzja għad-dritt bl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ejusdem generis*, il-Qorti trid timxi b'ċertu ċirkospezzjoni. Kien għalhekk ukoll, li din il-Qorti diġa' osservat, li fiċ-ċirkostanzi, il-piż tal-prova tar-riżenja u kwindi, għar-rinunzja tad-dritt għall-impieg u l-benefiċċji kollha li seta' jġib miegħu, jistrieħ fuq il-konvenut Tabib Ewlieni Tal-Gvern. Kienet din il-pretensjoni ta' dan il-konvenut, li spinġiet lill-Attriċi biex tippromwovi l-Kawża odjerna.

**22.** Għalhekk biex ikun stabbilit, jekk l-Attriċi rriżenjatx, kif qed jippretendu l-Konvenuti, jeħtieġ li ssir referenza għal dak li għidu l-awturi u l-Qrati, fir-rigward ta' x'jikkostitwixxi rinunzja ta' dritt. Dwar dan id-dritt issir referenza għall-insenjament tal-**Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet "Anthony u Joan konjugi Scerri -vs- Anthony u Sylvie konjugi Cutajar et" tas-16 ta' Marzu, 2005** fejn intqal hekk:

"Bla dubju r-rinunzja hija att ġuridiku unilaterali, b'karattru abdikattiv in kwantu tirriżolvi ruħha fit-telf tad-dritt ġja akkwistat. Għaldaqstant iġġorr l-effetti tagħha imprexxindibilment mill-aċċettazzjoni tal-parti l-oħra. Kif spjegat mill-**Laurent ("Principii di Diritto Civile", Vol. XXXII para. 126 paġna 109)** ir-rinunzja hija "*la manifestazione di una volonta', e la volonta' o il consenso puo manifestarsi o espressamente o tacitamente*". Din il-volontà trid tkun ċara u pożittiva u tista' tkun deżumibbli kemm minn provi diretti kemm minn presunzjonijiet. Korrispondenti ma' dan il-ħsieb, il-ġurisprudenza tagħna ma tonqosx milli tavverti illi:

(1) "*La rinunzia ad un diritto, perchè si possaritenere tale, deve risultare da espressioni chiare ed univoche, e non gia da espressione generiche*". (**Kollez. Vol. XXVIII P III p 1154**);

(2) "*Qualunque rinunzia, non essendo generale especifica, non riceve che stretta interpretazione, inguisa che in dubbio s' intenda rimesso*

*quantomeno sia possibile*" ("**Sciberras -vs- Giappone, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 12 ta' Ottubru, 1840**);

(3) "Ir-rinunzji huma *di stretto diritto* u għandhom jirriżultaw minn fatti assolutament inkonċiljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juri l-volonta` preċiża tar-rinunzjant" – "**Henry Thake -vs- Carmel sive Lino Borg**", **Appell, Sede Inferjuri, 25 ta' Novembru, 1986**;

(4) "In kwantu għall-eżami dwar in-natura ta' l-att u l-effikaċja tiegħu biex jopera r-rinunzja, dan l-eżami huwa rimess għall-apprezzament tal-ġudikant, li għandu jieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha li fihom ġie kompjut l-att" (**Kollez. Vol. XXXIV P II p 646**)."

**23.** Adoperat dan it-tagħlim ta' rinunzja ta' dritt ekwiparabbli għal dik ta' riżenja, din tal-aħħar, terminoloġija frekwentement użata fil-kamp tar-relazzjonijiet industrijali, din il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li l-Attriċi ma kienitx irreżenjat mill-impieg tagħha. Saret taf bl-opposizzjoni li qed isostni il-konvenut Tabib Ewlieni tal-Gvern f'dawn il-proċeduri, wara ammont sostanzjali ta' snin fl-impieg, meta waslet biex toħroġ bil-pensjoni. Ma hemm ebda dokument li juri b'mod ċar u univoku, li hi kienet tassew irriżenjat. Il-pretensjoni tal-Konvenuti qegħdha tkun desunta minn dokument li ma iffirmatx (a' fol 15), u minn ieħor li kien iffirmat (a' fol 19). Dan tal-aħħar juri biss, li kien hemm "gap" ta' ħamest ijiem minn meta qalbet mir-residenza San Vincenz De Paule għall-isptar ġenerali. Spjega ċara ta' xi jfissru ma hemm imkien. L-anqas ma huwa

raġjonevoli l-fatt, li firma fuq dan id-dokument għandha titqies bħala inkonċiljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt, bil-konsegwenza li persuna titlef il-benefiċċji kollha tas-servizz li tkun tat għal ben 27 sena **lill-istess prinċipal,** aktar u aktar meta tiġi biex tirtira tiġi wkoll konfrontata b'dokumenti dwar l-Istorja tax-xogħol tagħha, li ma kienitx taf bihom.

**24.** Il-Qorti fehmet ukoll li l-Konvenut Tabib Ewlieni tal-Gvern li meta l-Attriċi ffirmat id-dokument markat Dok RB 5, hi kienet qed tirrikonoxxi li kien hemm *break in service.* Pero' x'fehmet l-Attriċi b'dak id-dokument fil-mument li ffirmatu qed issir ben 14-il sena wara għax wieħed irid jara x'kien l-iskop ta' dak id-dokument. Di piu' dak id-dokument irid jittieħed fil-kuntest storiku ta' meta sar u li fih ma hemm ebda referenza għal riżenji. Għalhekk ma hemm xejn univoku u ċar li raġjonevolment iwassal lil din il-Qorti biex tifhem li l-Attriċi dak in-nhar fehmet li qed taċċetta li kienet irriżenjat u li kien hemm *break in service.*

**25.** Anke jekk għall-argument, kellu jingħad li bil-firma fuq id-dokument imsemmi, l-Attriċi rrinunzjat taċitament għad-drittijiet tagħha, tali rinunzja trid tkun skont il-liġi. Di fatti l-Qrati jgħallmu li biex tavvera ruħha rinunzja taċita din trid tkun imnissla minn imġieba tali, bla possibilita` ta' interpretazzjoni diversa, li turi l-volonta` inekwivokabbli tar-rinunzjant li huwa ried jabdika d-dritt tiegħu (Ara **Vol. XXXIV P I p 646** u **Vol.XXXVI P I p 343**).

**26.** Fid-dawl tal-provi imressqa, dan ma jidhirx li huwa l-każ. Billi l-Attriċi ffirmat id-dokument li qed jistrieħ fuqu il-konvenut Tabib Ewlieni tal-Gvern, ma jfissirx b'daqshekk li uriet il-volonta' inkewivokabbli li riedet tabdika mid-dritt tagħha għall-impieg. Għalhekk il-Qorti tħoss li l-Attriċi irnexxielha tipprova li t-talbiet tagħha huma fondati kemm fil-fatt u kif ukoll fil-liġi u kwindi ser ikunu milqugħa.

**27.** Kwantu jirrigwarda lill-Konvenut Accountat General, dan jagħti l-eċċezzjoni li hu mhux il-leġittimu kontradittur u dan ai termini tal-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Il-Qorti eżaminat l-atti u jirrisulta li l-Attriċi kienet impjegata direttament mal-Konvenut Tabib Ewlieni tal-Gvern. Fir-rejalta', jekk it-talbiet jiġu milqugħa, huwa dan il-konvenut li jrid iwieġeb, għaliex huwa inkarigat mill-materja formanti l-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti. Anke l-istess Attriċi, fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, l-anqas dehrilha li għandha twieġeb għal din l-eċċezzjoni tal-Konvenut Accountant General.

**28.** Sa fejn jirrigwarda din l-eċċezzjoni, il-Qrati tagħna sabu, li għandu jwieġeb għal servizz li jkun qed jingħata lil jew minn Ministeru partikulari, il-Kap tad-Dipartiment ta' dak il-Ministeru. Il-Qorti tfakkar li din hija azzjoni diretta kontra l-Gvern. F'kawża oħra fejn kellu jsir ħlas in konnessjoni ma' toroq intqal hekk:

*"Fadal li nqisu l-eċċezzjoni illi l-konvenut Accountant General ma hux kontradittur leġittimu. Essenzjalment il-konvenut f'din il-kawża huwa l-*

*Gvern ta' Malta; il-kwistjoni hi min jidher għalih. L-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi l-Gvern jidher għalih il-kap tad-dipartiment "li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni". Billi l-"materja in kwistjoni" hija ħlas għal xogħlijiet ta' toroq, u għal dawn ix-xogħlijiet huwa inkarigat id-Direttur tat-Toroq, għall-gvern għandu jidher id-Direttur tat-Toroq, u ma kienx hemm għalfejn ikun imħarrek ukoll l-Accountant General. Kundanna kontra d-Direttur tat-Toroq f'materja fejn dan jidher għall-gvern fil-kawżi torbot lill-gvern biex iħallas, u ma hemmx għalfejn ikun parti fil-kawża l-Accountant General biex ikun jista' jsir il-ħlas."* (ara **Sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Peter Montebello -vs- Direttur tat-Toroq u Accountant General tas-16 ta' Marzu 2004**).

**29.** Din il-Qorti taqbel mar-raġunament ta' din is-Sentenza. Ma tarax li hemm xi raġuni għaliex l-istess prinċipju ma għandux japplika għal din il-Kawża. Huwa t-Tabib Ewlieni tal-Gvern li jagħmel mill-materja tal-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti. Għalhekk il-konvenut Accountant General għandu raġun meta għid li ma hux il-leġittimu kontradittur. Dan ifisser li ser ikun meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju u dan għaliex kif għid fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu r-rappresentanza ġuridika hija vestita fil-konvenut l-ieħor.

## <u>Decide</u>

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:-

**Tilqa' it-tieni** eċċezzjoni tal-konvenut Accountant General u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

**Tilqa' l-ewwel** talba Attriċi u tiddikjara li hija intitolata li meta tirtira mix-xogħol tirċievi kemm is-somma u kif ukoll il-pensjoni tat-Teżor;

**Tilqa' t-tieni** talba u tordna lit-Tabib Ewlieni tal-Gvern sabiex meta l-Attriċi tirtira mix-xogħol iħallasha s-somma u kif ukoll il-pensjoni tat-Teżor.

Spejjes tal-Kawża a' karigu tal-Konvenut Tabib Ewlieni Tal-Gvern, salv għal dawk tal-Accountant General li għandhom ikunu ssopportati mill-Attriċi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**